MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2003

Rikors Numru. 7/2002/1

**Rikors Nru: 7/02N1**

**Lawrence Micallef**

**versus**

**Carmen Mamo**

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi r-rikorrent jikri minghand l-intimat l-hanut immarkat bin-numru wiehed (1) gewwa Pretty Bay, Birzebbugia, bil-kera t'erba mija u tletin Liri Maltin (Lm430.00) fis-sena pagabbli kull tlett (3) xhur bil-quddiem kif indikat u stipulat, bl-iskadenza li jmiss dik ta' l-14 ta' Jannar, 2002.

Illi, l-intimat nfurmat lill-esponenti permezz ta' ittra ufficjali tat-12 ta' Novembru, 2001 illi hija tixtieq tawmenta l-kera ghal tmien mija u sittin Liri Maltin (Lm860.00) fis-sena pagabbli kull tlett (3) xhur bil-quddiem.

Illi, stante d-daqs tal-fond, u l-kundizzjoni tieghu u l-lokalita' fejn jinsab tali ammont mhux misthoqq fil-ligi u ghalhekk ir-rikorrent jixtieq jopponi t-talba a tenur ta' l-Artikolu 14 (2) ta' l-Ordinanza Dwar it-Tigdid tal-Kera ta' Bini – Kapitolu 69 tal- Ligijiet ta' Malta u ghalhekk qed jghaddi biex jaghmel il-prezenti procedura.
Ghaldaqstant ir-rikorrent ai termini ta' l-Artikolu 14 (2) tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet qed jopponi l-gholi propost mill-intimat u permezz ta' dan ir-Rikors jitlob umilment illi l-Bord li Jirregola l-Kera jichad tali awment ta' Kera wara illi jaghti l-opportuni provvediment.

Ra <u>r-risposta</u>

Illi l-fond ufficjalment immarkat bin-numru 1 (wiehed) fi Triq il-Bajja s-sabieha f'Birzebbugia huwa tali li jghati direttament ghal fuq il-Bajja s-sabieha f'Birzebbugia u bhala hanut huwa konsidrat bhala formanti parti mill-qalba tan-negozju u ghaldastant dan l-Onorabli Bord ghandu jiffissa l-kera jawmenta l-kera dovuta sa l-ghola rata stabilita mill-Ligi.

Ra d-digriet tieghu tat-8 ta' April 2002 li bih gew mahtura periti taknici l-AIC Frederick Valentino u l-AIC John Sciberras.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti teknici minn fejn jirrizulta li l-kera tallum ta' Lm430 fis-sena pagabbli kull tlett xhur bil-quddiem diga' jeccedi il-kera xieraq li bih l-istess fond kien mikri jew li seta' inkera qabel l-14 ta' Awissu 1914.

Jaghmel tieghu r-rapport tal-periti teknici u ghalhekk jilqa' t-talba tar-rikorrent; spejjez bla taxxa bejn il-partijiet; ir-rapport tal-periti teknici jghamel parti shiha minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------